

31995R1201

L 119/9

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.5.1995

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1201/95
tad-29 ta' Mejju 1995
li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91
dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti
agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1975 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2381/94 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 207/93 tal-25 ta' Jannar 1993 li jfisser il-kontenut ta' l-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 fuq produzzjoni organika u indikazzjonijiet li jirreferu għal prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel u li jsemmi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(4) għal dan ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi ċerti Stati Membri nnotifikaw lil Stati Membri oħra u l-Kummissjoni li awtorizzazzjonijiet ġew mgħotija għall-użu ta' ċerti ingredjenti ta' oriġini agrikola mhux inkluża f'Sezzjoni Ċ ta' l-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91; billi għal ċerti minn dawn il-prodotti notifikati deher li produzzjoni biżżejjed ma kinitx qed issir fil-Komunità; billi għalhekk dawn il-prodotti għandhom jiġu introdotti f'Sezzjoni Ċ ta' l-Anness VI;

Billi deher li hemm produzzjoni importanti fil-Komunità fil-kuntest tat-tkabbir organiku taċ-ċikwejra, hall minn xorb varju ffermentat kif ukoll ta' numru kbir ta' ħwawar u ħxejjex; billi għalhekk iċ-ċikwejra, il-hall, il-ħwawar u l-ħxejjex għandhom jit-neħħew mis-Sezzjoni Ċ ta' l-Anness VI;

Billi elenku pożittiv tal-ħwawar u ħxejjex prinċipali li m'humiex disponibbli minn produzzjoni organika fi kwantitajiet suffiċjenti fil-Komunità Ewropea għandu jkun żviluppat kemm jista' jkun

malajr; billi sakemm dan l-elenku jiġi adottat, il-proċedura ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 207/93 tista' tiġi adottata taħt il-kundizzjonijiet maħsuba f'dak l-Artikolu;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-kumitat li għalih saret referenza fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 huwa emendat kif definit fl-Anness għar-Regolament preżenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ sebat ijiem wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Il-prodotti msemmija fl-ewwel u fir-raba' inċiżi ta' l-Anness għal dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jiġu użati taħt il-kundizzjonijiet applikabbli ta' qabel sa tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Il-prodotti rreferuti fit-tielet inċiż ta' l-Anness għal dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jiġu użati taħt il-kundizzjonijiet applikabbli ta' qabel sa seba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Mejju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 198, tat-22.7.1991, pġ 1

⁽²⁾ ĠU L 255, ta' l-1.10.1994, pġ 84

⁽³⁾ ĠU L 25, tat-2.2.1993, pġ 5

L-ANNEX

Sezzjoni Ċ ta' l-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 207/93 u emendat mill-Kummissjoni (KE) Nru 468/94 ⁽¹⁾ huwa emendat kif ġej:

- il-prodott li ġej huwa mneħħi mis-sottosezzjoni Ċ.1.1.:
Iċ-ċikwejra,
- il-prodotti li ġejjin huma miżjuda fis-sottosezzjoni Ċ.1.1. wara “Aċerola”:

trab tal-banana imnixxfa	(Musa L.)
gooseberries	(Ribes crista L.)
trab tal-frawli mnixxef	(Fragaria L.)
lampun imnixxef	(Ribus idaeus L.)
passolin aħmar imnixxef	(Ribes rubrum L.),
- is-sottosezzjoni Ċ.1.2 intitolata “Ħwawar u ħxejjex ta' l-ikel” hija mibdula b'dan li ġej:
“Ċ.1.2. Il-ħwawar u l-ħxejjex ta' l-ikel
—”,
- fis-sottosezzjoni C.2.3, il-prodott “Hall barra minn hall mill-inbid” tiġi mħassra.

⁽¹⁾ Ġu nru. L 59, tat-3.3.1994, pl.